A.L. 40 ta' l-1987

ATT TA' L-1975 DWAR IL-JUM NAZZJONALI U BTAJJEL PUBBLIĊI OĦRA

(ATT NRU. XXX TA' L-1975)

Ordni ta' l-1987 li jemenda l-Btajjel Pubbliċi (Nru.2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1987 li jemenda l-Btajjel Pubbliċi (Nru. 2) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Att.

2. Minflok il-lista ta' Btajjel Pubbliċi li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att għandha tidħol din li ġejja:

"l-1 ta' Jannar	L-Ewwel tas-Sena
l-10 ta' Frar	Il-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl
id-19 ta' Marzu	Il-Festa ta' San Ġużepp
—	Il-Ġimgħa l-Kbira
l-1 ta' Mejju	Jum il-Ħaddiem
id-29 ta' Ġunju	Il-Festa ta' San Pietru u San Pawl
il-15 ta' Awissu	Il-Festa ta' Santa Marija
it-8 ta' Settembru	Il-Festa tal-Vitorja
il-21 ta' Settembru	Jum l-Indipendenza
it-8 ta' Diċembru	Il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni
it-13 ta' Diċembru	Jum ir-Repubblika
il-25 ta' Diċembru	Il-Milied".